MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2003

Appell Kriminali Numru. 104/2003

Il-Pulizija
Vs

Andrew Zarb

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-12 ta' Frar, 2003, meta hekk ordnat mill-Qorti Civili Sekond'Awla permezz ta' digriet datat 12 ta' Frar, 2003, nru. 104/2003, naqas li jaghti lil martu Doriette Zarb is-somma iffisata minn dik il-Qorti bhala manteniment ghalija w ghal uliedu fi zmien hmistax il-jum mid-data ta' dik l-ordni w dan bi ksur tal-artikolu 338(Z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Mejju, 2003, li biha,

wara li rat l-Artikolu 338(Z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu li jhallas tlett mitt lira Maltin (LM300) bhala manteniment, b'penali ta' zewg liri Maltin (LM2) kuljum fin-nuqqas, u dan wara gimghatejn.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Mejju, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza w tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

Rat il-verbal irregistrat fl-udjenza tal-lum stess li bih mart l-appellant Doriette Zarb iddikjarat li llum stess gie ppublikat kuntratt ta' separazzjoni w li hija tinsab pjenament sodisfatta w konsegwentement ma tixtieqx illi tixhed kontra l-appellant f'din il-kawza.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Ikkonsidrat ;

Illi peress illi provi li saru quddiem l-Ewwel Qorti mhumix traskritti w fl-assenza ta' l-icken prova quddiem din il-Qorti tal-htija tal-appellant, din il-Qorti ma tistax hlief tghaddi biex tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata.

Illi pero' f'kull kaz din il-Qorti tixtieq tosserva li anki kieku kellha tigi konfermata l-htija tal-appellant, il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti kienet wahda zbaljata ghaliex, trattandosi ta' kontravvenzjoni, il-piena li setghet tinghata kienet biss jew id-detenzjoni, jew l-ammenda jew ic-canfira w l-Qorti ma setghetx tordna l-hlas tal-manteniment taht penali fin-nuqqas, kif ghamlet.

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tilqa' l-appella w tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w htija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------